# Djarju *tal-Kalkara* fil-Gwerra



*Il-kampnar tal-Knisja Parrokkjali fost ir-rovina tal-gwerra (War Damage Commission).*

Matul is-sena 2012, is-Soċjetà kkommemorat is-sebgħin sena anniversarju mit-tiġrif tal-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara. Madankollu, ma kienetx biss id-data tal-10 ta' April 1942 li ġerrħet lil dan ir-raħal fil-Port il-Kbir ta' Malta. Propju minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu u anki l-imkejjen Brittaniċi li kienu jinsabu ġo fih, kienu bosta dawk l-attakki li saru u li ħallew il-marka tagħhom. Kien b'dan il-ħsieb li qiegħed nirriproduċi f'dan il-ktieb djarju dettaljat ta' dak li seħħ f'ġranet differenti matul is-sena 1942, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Nhar it-**2 ta' Marzu 1942**: Il-Bumbardiera ta' Malta jiġu attakati.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tat-2 ta' Marzu għal inżul ix-xemx tat-3 ta' Marzu 1942.
*It-Temp:* Riħ min nofsinhar, 30% imsaħħab. Kemmxejn sħun.
*Vittmi maqtula mill-Kalkara:* Lorenzo Mejlak, età ta' 55 sena.

Nhar il-**15 ta' Marzu 1942**: L-infern il-Ħadd – 1,800 kilo ta' 'bombi tax-xjaten' fuq il-Belt Valletta.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tal-15 ta' Marzu għal inżul ix-xemx tas-16 ta' Marzu 1942.
*It-Temp:* Riħ varjat, waqtiet imsaħħab iżda iċċara matul il-ġurnata.
Bejn is-13:19 u is-14:38 erba' ajruplani tat-tip JU 88 skortati minn disa' ajruplani tat-tip ME 109 tefgħu bombi ta' 500 kilo-il waħda fuq Ħaż-Żabbar, il-Latnia u r-Rnella fil-Kalkara. Erbgħa *Spitfires* bdew jiddefendu.
Fl-15:45 jintefgħu bombi n-naħa ta' Tal-Grazzja, ir-Rnella u Madonna Tas-Silġ.



*Ajruplan JU88.*

Nhar il-**21 ta' Marzu 1942**: 260,000 kilo ta' bombi - Tifel jirrakonta l-ġurnata bħala l-Infern.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tal-20 ta' Marzu għal inżul ix-xemx tal-21 ta' Marzu 1942.
*It-Temp:* Ir-riħ mix-Xlokk, 80% imsaħħab.

Fid-09:20, żewġ ajruplani tat-tip JU 88, javviċinaw u jitfgħu bomba kbira kull wieħed ta' 1800 kilo fuq is-suq tal-ħut fil-belt Valletta u l-oħra fuq il-port il-kbir. Ajruplan ta'l-istess tip jaqsam mit-tramuntata ta' Malta għal nofsinhar f'għoli ta' 30,000 pied. Ħames ajruplani oħra javviċinaw il-Port il-Kbir iżda iduru lura wara li jiġu attakati bil-qawwi. Dawn tefgħu l-bombi kollha fil-baħar in-naħa tal-Forti Ricasoli u Sant'Iermu.



*Rikostruzzjoni ta' Ajruplani ME109.*

*Rapporti tal-Operat: 21 ta' Marzu 1942*
Ir-*Royal Navy* għamlet *Raid* numru 1843 fejn instabu ħsarat fir-'*Rifle Range*' tal-Forti Ricasoli. Ir-residenza tal-Kirurgu tal-Ammirall tal-isptar Navali f'Bighi ġiet imġarrfa.

*Air Raids:* Inżul ix-xemx tal-21 ta' Marzu għal inżul ix-xemx tal-22 ta' Marzu 1942.
Fl-10:14 żewġ ajruplani tat-tip JU 88 jitfgħu bomba kull wieħed ta' 1800 kilo fuq Manoel Island u fuq l-Isptar Navali ta' Bighi.

Nhar l-**24 ta' Marzu 1942**: Massa ta' bombi fuq il-Port il-Kbir.

- Massa ta' bombi jintefgħu fuq vapuri tal-konvoj fil-Port il-Kbir.
- L-ammont ta' bombi kien id-doppju tal-*blitz* fuq l-*Illustrious*.
- Attakki bla waqfien minn wara nofs in-nhar 'il quddiem.
- Bomba taqa' fuq xelter ġo Ħal Far u toqtol ħaddiema tar-*Royal Air Force*.
- 23 suldati maqtula u 33 persuna Maltija maqtula, 23 minnhom fil-Kalkara.
- 28 ajruplan tat-tip *Stukas* jibbumbardjaw Ħal Far fil-baxx.
- Jintefa' duħħan apposta biex ifixkel l-għadu.

*Air Raids:* Inżul ix-xemx tal-24 ta' Marzu għal inżul ix-xemx tal-25 ta' Marzu 1942.
*It-Temp:* Riħ mil-Grigal, 30% imsaħħab.
*Kalkariżi maqtula:* Joseph Bartolo, età ta' 18-il sena; Anthony Busuttil, età ta' 16-il sena; Joseph Camilleri, età ta' 45 sena; Filomena Coster, età ta' 54 sena; Mary Coster, età ta' 48 sena; Ġustu Coster, età ta' 30 sena; Joseph Coster, età ta' 26 sena; Stella Gauci, età ta' 12-il sena; Manuel Gauci, età ta' 9 snin; Rokku Gauci, età ta' sentejn; Grezzja Hili, età ta' 44 sena; Concetta Hili, età ta' 20 sena; Pauline Hili, età ta' 12-il sena; John Hili, età ta' 4 snin; Mary Micallef, età ta' 31 sena; Samuel Micallef, età ta' 10 snin; Toni Micallef,



Etienne Camilleri

*Żgħażugħ Mosti ta' 26 sena li jaħdem bħala System Administrator f'kumpanija privata. Bħala passatemp iħobb ħafna r-riċerka fuq affarijiet storiċi. Bħalissa huwa jokkupa l-kariga ta' Chairperson fil-Kummissjoni Żgħażagħ Sagra Familja, kif ukoll huwa parti mill-Bord Editorjali ta' dan il-ktieb. Bandist mal-Banda Sagra Familja bis-sassofonu.*



*Rikostruzzjoni ta' Ajruplani Stukas.*

età ta' 9 snin; Carmela Mintoff,età ta' 80 sena; Josephine Mintoff, età ta' 48 sena; Mariano Stivala, età ta' 62 sena; Spira Vella, età ta' 70 sena; Michael Ventura, età ta' 75 sena, u Angelica Ventura, età ta' 66.

Il-lista tal-vittmi Kalkariżi tal-24 ta' Marzu tinkludi l-familja kollha ta' Coster li inqabdu fix-xelter u fgaw b'gas valenuż li ħareġ min kanna mkissra li kienet tintuża mill-Isptar Navali, kif ukoll għerqu meta beda tiela' l-livell tal-ilma meta nqasmet kanna tal-ilma. Il-maġġoranza tal-familja Coster mietu mill-ewwel ħlief l-aħwa Ġustu Coster u Joseph Coster li waslu fuq il-post ftit wara u niżlu fix-xelter biex isalvaw lill-familjari iżda bħall-bqija tal-familja huma wkoll fgaw bil-gass li kien ħiereġ. Bl-istess mod miet ukoll il-kuġin tagħhom Joseph Camilleri li wasal fuq il-post wara l-aħwa.

Nhar is-**6 ta' April 1942**: Bomba tifqa' Xelter u jmutu 18-il persuna
Fis-18:15 saret it-tielet mewġa ta' attakki li nqasmet f'żewġ formazzjonijiet. Sbatax-il ajruplan tat-tip JU 88 attakkaw it-Tarzna, tnax-il ajruplan ieħor tat-tip JU 88 attakkaw il-Ħamrun, iż-Żejtun, Gwardamanġa, il-Furjana, il-Marsa u l-Forti Ricasoli. Bumbardiera tal-art waqqgħu wieħed mill-JU 88 u għamlu ħsara fuq tnejn oħra. Fil-Furjana, tintlaqat il-*barracks* ta San Franġisk fejn imut suldat u jweġġgħu serjament tlieta oħra. Il-bombi jagħmlu ħsarat fit-toroq San Tumas, il-Miratur, fuq il-Fossos, Sarria, Triq l-Assedju l-Kbir, Triq il-Kapuċċini u t-Telgħa tal-Kurċifiss. Tnejn imutu u tnax oħra iweġġgħu serjament.

Nhar l-**10 ta' April 1942**: Il-Bumbardiera ta' l-art jiġu attakkati bil-qawwi.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tad-9 ta' April għal inżul ix-xemx tal-10 ta' April 1942.
*It-Temp:* Riħ minn Nofsinhar, 30% sħab għoli madwar 15-18 elf pied.
Fis-12:45 erba' ajruplani tat-tip ME 109 attakkaw Ta'Qali. 20 ajruplan tattip ME 209 sparaw fuq il-batterija Campbell. 36 ajruplan ieħor jersqu lejn il-gżira u jinqasmu f'żewġ gruppi biex jattakkaw Ħal Luqa u l-Port il-Kbir.



*Il-bumbardiera tal-art.*

Żewġ bombi ta' 1,000 kilo-il waħda ġew irrapurtati li ma splodewx fejn kienu stazzjonati l-bumbardiera tal-art ġewwa l-Marsa. Bomba kbira taqa' barra xelter fil-Kalkara fejn fih dak il-ħin kien hemm 400 persuna. Din tiblokka tliet entraturi min erbgħa fejn ħadd ma ġie irrapurtat li weġġa'. L-Għolja ta' Kordin u t-triq fuq in-naħa tal-lemin tal-baċir numru 4 ukoll jiġi mġarrfa u magħluqa. Il-*canteen* tar-*Royal Navy* jiġi milqut ukoll. Il-ħanut tal-immuntar tas-snieter, il-kamra tal-munizzjon, u l-imħażen fl-NA Depot jiġġarfu kompletament. Il-bumbardiera tal-art jattakkaw u jkissru wieħed mill-ajruplani tat-tip JU 88, ieħor JU 87 u ieħor ME 109, u jagħmlu ħsara fuq ieħor ME 109.

Fis-17:42 l-għadu jinqasam fit-tliet formazzjonijiet. Formazzjoni minnhom tattakka l-Port il-Kbir, li tkisser id-dar tal-Ammirall fil-Birgu. Il-Knisja ta' San Ġużepp tal-Kalkara tiġi ibbumbardjata bil-qawwi u mġarrfa kompletament.

Nhar il-**11 ta' April 1942**: Il-bombi jaqtgħu d-dawl, u hemm nuqqas ta' ilma u ħobż.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tal-11 ta' April għal inżul ix-xemx tat-12 ta' April 1942.
*It-Temp:* Riħ lbiċ; ċar, ċpar fl-għoli ta' 20,000 pied.
F'12:16, 10 ajruplani tat-tip JU 88 jattakkaw il-bumbardiera ta' madwar il-Port il-Kbir u ħafna bombi jaqgħu qrib l-antenni tal-komunikazzjoni bir-radju fir-Rnella. It-toroq kollha jingħalqu.

Nhar it-**12 ta' April 1942**: Il-Port il-Kbir "m'għadx fadal x'tibbumbardja!"
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tat-12 ta' April għal inżul ix-xemx tat-13 ta' April 1942.
*It-Temp:* Riħ mill-Majjistral, 50% imsaħħab.
Fis-17:46 Attakki fuq il-Port il-Kbir: SS Talabot jintlaqat u jieħu n-nar. Bini tar-raba' Platun u wieħed mir-riġmenti tal-BN Cheshire tar-Rnella jintlaqtu wkoll u jġarrbu ħsarat kbar. Il-Kumpanija B taħseb biex tmexxi tnejn mill-platuni għal Polverista. Il-*canteen* tat-Tarzna jintlaqat bil-bombi.

Nhar it-**13 ta' April 1942**: Traċċi ta' qerda kbira għall-forzi ta' Malta - Rap-



*SS Talibot jintlaqat mill-bombi tal-għadu fil-Port il-Kbir.*



*Il-ħerba sħiħa li ħalla l-attakk qawwi li sar fuq il-Knisja Parrokkjali nhar l-10 t'April 1942. (War Damage Commission)*

porti tal-Gvernatur.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tat-13 ta' April għal inżul ix-xemx tal-14 ta' April 1942.
*It-Temp:* Riħ mill-Grigal, 50% msaħħab u temp kiesaħ.
Fl-15:45, 28 ajruplani tat-tip JU 88 u ME 109 javviċinaw il-gżira. 9 ajruplani tat-tip JU 88 jattakkaw il-Port il-Kbir, ikissru il-*canteen* tan-*Navy* u krejn. L-istazzjon tar-Rnella jintlaqat, fejn jinqabdu taħt it-tifrik ħafna ħaddiema. Bomba oħra tolqot il-biċċerija tar-*Royal Navy* fil-Marsa.

Nhar l-**14 ta' April 1942**: Attakk idum għaddej tlettax-il siegħa u nofs.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tal-14 ta' April għal inżul ix-xemx tal-15 ta' April 1942.
*It-Temp:* Riħ kiesaħ mil-Grigal, 50% imsaħħab.
Intefgħu bombi fuq l-ewwel riġment tal-BN Chesire u ħdejn l-erba' platuni tar-Rnella fejn jintlaqat arblu tal-komunikazzjoni.

Nhar it-**22 ta' April 1942**: "L-agħar siegħa ta' Malta" - l-aħħar 7 *Spitfires* li kapaċi jittajru.
Il-pilota Kanadiż Buck McNair tal-ajruplan *Spitfire* ilaqqam din il-ġurnata bħala "l-agħar siegħa ta' Malta". Huwa jgħid li, "F'siegħa mit-twaqqif tar-*radar plotters* urew li *Luftwaffe* kienu qed iħallu l-bażi ta' Sqallija u kienu fi triqithom lejn Malta. Ħadna tliet siegħat sħaħ biex imlejna bil-*fuel* l-aħħar seba' *Spitfires* li kien għad fadlilna, u armajniehom bl-iktar sigurtà massima li stajna. Barra minn hekk, il-kanuni ma kienux iċċekjati fl-Ingilterra, u kellhom jiġu armati xorta għax kien hemm problema fil-munizzjon. Dawn kienu mtajra u lesti daqs li kieku ġodda u għadhom fl-ewwel attaki tagħhom u lesti biex ikissru kemm jifilħu. Il-Ġermaniżi kienu tajbin ħafna. Erbgħa u għoxrin siegħa wara, sebgħa minn sitta u erbgħin kienu għadhom kapaċi jittajru. Kienet l-agħar siegħa ta' Malta."

*It-Temp:* Riħ qawwi mil-Lbiċ, 100% msaħħab.
Fis-17:50, 21 ajruplan tat-tip JU 87 (*stukas*) u 26 ajruplan tat-tip JU 88 attakkaw il-Port il-Kbir, kif ukoll il-Belt Valletta u l-Furjana, il-Kalkara u it-Tarzna. Il-bombi waqgħu wkoll bejn Ħaż-Żabbar u l-fortifikazzjonijiet tal-Kottonera.

Nhar is-**27 ta' April 1942**: It-Taljani jattakkaw lil Malta bil-qawwa kollha.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tas-27 ta' April għal inżul ix-xemx tat-28 ta' April 1942.
*It-Temp:* Riħ minn Nofsinhar, ftit imsaħħab.
Fil-11:15, balla bombi jagħqu bejn Ħaż-Żabbar u Tal-Grazzja. Il-Bumbardiera tal-art ikissru ajruplan tat-tip



*Ħerba oħra din id-darba fil-Kunvent u l-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini. (War Damage Commission)*



*Bombi tat-tip Butterfly.*



*It-tiġrif tal-Iskola Primarja fi Triq is-Sienja. (War Damage Commission)*

JU 88 fejn jagħqa viċin post tad-difensuri tas-settur tar-Rnella tal-ewwel riġment tal-BN Cheshire.

Nhar is-**7 ta' Mejju 1942**: Il-Gvernatur Dobbie jitlaq minn Malta taħt attakk.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tas-7 ta' Mejju għal inżul ix-xemx tat-8 ta' Mejju 1942.
F'00:02 u fit-03:00, żewġ *air raids* jinstemgħu għal 18-il attakk millgħadu fejn tefgħu mijiet ta' bombi madwar Malta kollha. Bombi interfgħu fuq ir-Rabat, il-Mosta u San Pawl tat-Tarġa, Pembroke u x-xatt tal-Imsida, il-Forti Ricasoli u r-Rnella, il-Gudja, il-Latnija, il-bajja ta' Marsaxlokk, Delimara, Lapsi, u fil-baħar. Wieħed mil-bumbardieri tal-art kważi jintlaqat u jikkawża ħsarat fuq il-munizjon tiegħu stess.



*Fdalijiet ta' ajruplan JU87.*

Nhar it-**12 ta' Mejju 1942**: *Luftwaffe* jiġġieldu lura. Jintilfu 9 *Spitfires*.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tat-12 ta' Mejju għal inżul ix-xemx tat-13 ta' Mejju 1942.
*It-Temp:* Imċajpar iżda bla sħab.
Bil-lejl, erba' alerti tas-sireni jinstemgħu meta joqorbu għaxar ajruplani tal-għadu. Bombi ntefgħu fuq ir-Rnella, fuq il-bajja tas-Salina, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa u fil-baħar.

Nhar is-**27 ta' Mejju 1942**: Il-Bumbardieri ta' Malta jattakkaw żewġ konvojs ta' Rommel.
*Air Raids:* Inżul ix-xemx tas-27 ta' Mejju għal inżul ix-xemx tat-28 ta' Mejju 1942.
*It-Temp:* Riħ moderat mix-Xlokk li dar għal-Lbiċ iżjed tard matul il-ġurnata. 80% imsaħħab 'il fuq minn 15,000 pied. Viżibiltà ta' 10-15-il mil. Fil-23:20 tinstema' s-sirena tal-*air raid*. L-għadu jersaq viċin Malta u jitfa' l-bombi fuq ir-Ricasoli u Ħal Luqa.

Il-Kalkara kienet waħda mill-aktar irħula li sofrew matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Huma bosta dawk il-Kalkariżi li tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom f'dawk is-snin qerrieda. Iżda, fuq kollox, l-ebda raħal ieħor f'Malta ma tilef ukoll il-Knisja Parrokkjali bl-istatwa titulari b'kollox! Traġedja kbira li diffiċli biex tfieq.

**Referenza:**
*http://www.maltagc70.com*



*63, 64, 65 Triq ir-Rnella.*
*(War Damage Commission)*



*Ix-Xatt. (War Damage Commission)*